MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Numru. 485/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Carlos Aquilina**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Carlos Aquilina ta’ 21 sena, iben Carmel u Jacqueline nee` Muscat, imwieled Pieta` nhar id-29 ta’ Ottubru 1989, residenti 15, Solitaire, Triq Titu Brandsma, Fgura u detentur tal-karta tal-identita` numru 500489(M):

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fil-21 ta’ Novembru 2010, u fix-xahrejn ta’ qabel din id-data:

a) Importa jew offra li jimporta (ghall-uzu personali) medicina psikotropika u ristretta (**Mephedrone/Meow Meow**) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X’Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

b) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (Mephedrone/Meow Meow) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X’Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet Li Ghandhom X’Jaqsmu Maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi, kif jirrizulta mic-*charge sheet* stess, id-droga importata mill-imputat kienet intiza ghall-uzu personali tieghu. Il-Qorti qieset ukoll l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, illi huwa ikkopera bis-shih mal-pulizija matul l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll illi ghandu mpjieg fiss.

Min-naha l-ohra, il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputat li tinkludi diversi kundanni, fosthom dwar ksur ta' ligijiet ta' traffiku, hsara volontarja, ksur tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta, pussess semplici tar-raza tal-*cannabis*, kif ukoll reati kontravvenzjonali. Il-Qorti qieset ukoll illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, jirrizulta illi huwa mporta hmistax-il gramma *mephedrone* minn fuq *website*[1]. Ghalkemm skond hu, din kienet l-ewwel darba li ghamel dan, il-Qorti jidhrilha li dan m'huwiex ammont insinjifikanti jew negligibbli. Qieset ukoll minn dak li stqarr l-istess imputat fl-istqarrija tieghu, illi huwa kien ilu jabbuza mis-sustanza *mephedrone* ghal zmien pjuttost twil u

[1] A fol. 4 tal-process.

ghalhekk ghalkemm jghid illi m'ghandux il-vizzju taghha, madankollu jkun ghaqli li jigi segwit minn Ufficjal Sorveljanti.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii), il-proviso ghall-Artikolu 120A(1B) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 3 tal-Avviz Legali 22/1985, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' **sitt xhur prigunerija** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tigi **sospiza ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum** u **multa ta' hames mitt Euro (€500)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

In oltre ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tordna illi l-hati ghandu jitqieghed taht **Ordni ta' Supervizjoni ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum**, u dan taht il-kundizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Supervizjoni hawn anness, liema Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza, kif ukoll l-effetti tal-Ordni ta' Supervizjoni.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni illi tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li ma nhatru ebda esperti f'dan il-kaz.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew tal-affarijiet kollha relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument DT, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------